# L-ISTATWA TA' ĠESU EWKARISTIKU U R-RABTA TAGĦHA MAL-FESTA TA' CORPUS DOMINI

*Minn Emm. Sapiano u Joseph Zammit*

EŻATTAMENT faċċata tal-bieb prinċipali tal-Protò parroċċa tagħna minnfejn toħroġ solennement kull sena l-proċessjoni ta' Corpus Domini, akkumpanjata minn numru sabiħ ta' fratelli, tiġi armata l-istatwa ta' Ġesu Ewkaristiku, (Ara faċċata ta' Il-Festi Tagħna Nru. 10, Sena 1986) jew aħjar kif inhi magħrufa mar-Rabtin bħala Kristu tal-Ħobża. Wieħed jista jgħid li din l-istatwa barra li hija simbolu tal-festi esterni ta' Corpus Domini, hija wkoll marbuta ma tradizzjoni li toħodna lura għal-aktar minn mitt sena.



*Kristu tal-Ħobża li kien jintrama u jinżamm fit-tieqa tal-faċċata flok Kristu Salvatur li hemm illum. (Ritratt J. Scerri).*

## L-EWWEL STATWA.

Minn informazzjoni li għandna l-ewwel statwa ta' Kristu tal-Ħobża saret fl-1876 bħala parti minn sett ta' 15 il-figura li kien jinkludi it-tnax l-appostlu, San Luqa u San Mark (biex jitkompla s-sett tal-evanġelisti) u l-istess statwa ta' Kristu. Dawn iżżanżnu fil-festi ta' Corpus Domini tal-istess sena. Dan is-sett inħadem mid-dilettanti Rabtin membri tal-Arċikonfraternita tas-Ssmu Sagrament taħt id-direzzjoni ta' Antonio Catania. Dan tal-aħħar kien rettur tal-arċikonfraternita bejn l-1862 u l-1864. Xogħolijiet aħra li saru fl-istess perijodu fuq disinn tal-imgħallem Catania jinkludu l-palk prinċipali tal-Konti Ruġġieru, l-ark trijonfali (ara artiklu fl-istess ħarġa); u l-istatwa maestuża tal-Konti Ruġġieru.

Dan is-sett ta' statwi li sar fl1876 huma kollha tal-kartapesta barra l-wiċċ, l-idejn u s-saqajn li huma skolpiti fl-injam. Anke l-ornat li hemm fil-libsa ta' Kristu u wkoll magħmul fl-injam. Forsi karatteristika, jekk tista ssejħilha hekk, ta' dan is-sett ta' statwi hu ix-xebh li jeżisti fl-uċuħ. Jista jkun li din kienet ir-raġuni prinċipali sabiex isir sett ieħor fi ftit żmien.

Illum il-ġurnata minn dan is-sett fadal biss l-istatwa ta' Kristu u dik ta' Ġakbu l-Kbir.

Minkejja iż-żmien li għadda minn fuqhom dawn l-istatwi għadhom f'kundizzjoni tajba u jinstabu fil-Mużew tal-Kolleġġjata. Wara li dan is-sett ma baqax jintrama xi dilettanti għamlu xi alterazzjonijiet lil xi wħud minn dawn l-istatwi u bidluhom f'figuri ta' qaddisin



*Kristu tal-Ħobża l-antik. Ir-ras imqatta' fl-injam hi xogħol ta' Antonio Catania. (Ritratt J. Scerri).*

oħra li għadhom jintramaw sal-llum. Fortunatament l-istatwa ta' Kristu ma ntmessetx minn dawn id-dilettanti.

## L-ISTATWA FIL-FAĊĊATA TAL-PARROĊĊA.

Qabel l-1952 fil-faċċata tal-knisja proto-parrokkjali tagħna kienet tintrama statwa oħra ta' Kristu tal-ħobża fil-post fejn illum hemm il-mużajk ta' Kristu Salvatur. Mhix magħrufa s-sena li fiha saret din l-istatwa u l-anqas l-isem ta' min ħadima. Din l-istatwa kellha post permanenti matul is-sena kollha, jiġifieri fit-tieqa li kienet tinsab wara l-orgni. Fil-festa mbagħad din it-tieqa kienet tinfetaħ u l-istatwa kienet tkun tista titgawda mill-pjazza. Bħal-dik ta' qabilha il-wiċċ huwa tal-injam u aktar irfinut mill-ieħor. Din l-istatwa għada f'kundizzjoni tajba u tinsab fil-maħżen tal-armar li jinsab taħt il-knisja.

## L-ISTATWA TAL-LUM

L-istatwa ta' Kristu tal-Ħobża li għada tintrama sal-llum kienet maħduma mill-istatwarju Karmenu Mallia magħruf aħjar bħala l-Lhudi (1880-1930). Ftit huma dawk li jafu li din l-istatwa ġiet imħallsa mis-Sur Franċesco




*Santa popolari li turi l-Istatwa ta' Kristu tal-Ħobża li għada tintrama sal-llum. xogħol K. Mallia*



*L-Ark ta' Kristu armat fit-Triq S. Pawl faċċata ta' Strada Rjali. Iż-żewġ linef tal-Kristall illum jinsabu jżejnu it-Titular tal-Kolleġġjata. Jideher ukoll l-Ornat tal-Ħadid tat-Tazzi taż-Żejt. (Ħajr Familja Bugeja).*

Sammut wara wegħda li kien għamel. Din il-wegħda tirrigwarda kwistjoni fuq id-distanza li kella titħalla bejn id-dar tiegħu u dik tal-ġar. Il-kawża ġiet maqtugħa mill-qorti favur is-Sur Sammut li minn naħa tiegħu żamm kelmtu u ħallas l-istatwa li ġiet tiswa is-somma ta' tlett liri (ammont konsiderevoli għal dak iż-żmien). Fil-fatt din l-istatwa saret fis-sena 1915, flimkien mas-sett tal-appostli li għdhom jintramaw sal-llum. Għalkemm illum il-kuluri tal-libsa ta' Kristu huma aħmar u abjad oriġinarjament dawn kienu blu u aħmar, kif fil-fatt huma l-kuluri tal-libsa taż-żewġ statwi l-oħra diġa mmsemmija. Il-ħobża li titpoġġa f'idejn Kristu kienet tkun tal-kartapesta, iżda dal-aħħar din saret tkun ħobża friska mill-forn tal-familja Cachia, "St. Paul's Bakery".

Qabel ma l-pjazza tal-Parroċċa ġiet estiża kif nafuha llum din l-istatwa flimkien mas-sett tal-appostli xogħol l-istess artist (il-Lhudi) kienu jintramaw fi Triq il-Kbira. L-istatwa ta' kristu tal-Ħobża taħt l-ark magħmul għaliha kienet tokkupa il-post faċċata ta' dina t-triq fejn il-llum jintrama l-anġlu tal-kolonna waqt li l-appostli kienu jintramaw man-naħat tal-istess triq. Barra min hekk ħdejn id-dar tan-Nutar Catania (bin l-imgħallem Antonio Catania), jiġifieri fil-bidu ta' triq il-Kbira, kont issib armata l-istatwa ta' Melkisedek, re ta' Salem, figura mit-testment il-qadim li offra l-ħobż u l-inbid bħala sagrifiċċju lil Alla. Hawnhekk wieħed jista jinnota s-sekwenza li ssib fl-istess armar, l-ewwel kont tilmaħ lil Melkisedek bħala figura mit-testment il-wadim u mbgħad aktar ma tersaq il-ġewwa fl-istess triq tilmaħ lill-Kristu faċċata tiegħek imdawwar bl-appostli tiegħu. Bosta huma dawk li jiftakru dan li għadna kif għedna u jaslu biex iqabbluha mal-ewwel ċelebrazzjoni ewkaristika jiġifieri l-aħħar ċena.

## TAGĦRIF FUQ KARMENU MALLIA.

Karmenu Mallia twieled fl-1880 f'Ħal-Qormi. Karmenu Mallia aktarx li ġie mlaqqam "il-Lhudi" minħabba li kien jagħmel ħafna statwi ta' qaddisin fosthom l-Appostli li kienu Lhud.

Mallia tgħallem mal-famuż statwarju "Karlozzu", Karlu Darmanin. Fil-Kolleġġjata tagħna insibu l-istatwa tal-Kunċizzjoni u xi appostli tal-altari li huma xogħol Darmanin. Meta Karlozzu miet fl-1909, Karmenu Mallia sar aktar popolari u beda jirbaħ ħafna kummissjonijiet. Fl-1915 ħadem il-vara titulari tant sabiħa tal-Madonna tad-Duluri għal San Pawl il-Baħar. Għal dak li hu tiżjin tat-triqat fil-festi nafu li ħadem sett appostli għal Ħal-Għaxaq kif

ukoll xi qaddisin w anġli għal x'irħula oħra.

Fis-sett li jintramaw fil-festi tagħna Karmenu Mallia għaraf jagħmel lil Kristu akbar mid-daqs tal-Appostli l-oħra biex hekk jissinjifika wkoll il-kobor ta' Kristu fl-Ewkaristija. Din l-istatwa ġiet irrestawrata l-aħħar mis-Sur Karmenu Azzopardi u s-Sur Charles Eastwood.

Karmenu Mallia miet fl-1930. It-tifel tiegħu Xandru għal xi żmien prova jimxi fuq il-passi ta' missieru iżda ftit nafu b'xogħol li wettaq Xandru Mallia.

## Il-Festi ta' Qabel u Llum

Tajjeb nirreferu għall-artiklu li ġie miktub minn Biaġio Galea fuq il-Festi Ta' Corpus fir-Rabat (Il-Festi Tagħna 1983):"Il-Ħamis filgħaxija kienet issir mixegħla ġenerali u mill-Każin flimkien mal-Banda u l-kant tal-innu A Dio Vivo kienet twassal (fuq l-ispalla) l-istatwa ta' Kristu tal-Ħobża sal-Knisja u l-għada kienet titpoġġa fi triq San Pawl sewwa sew quddiem Strada Rjali, fejn hemm armati l-appostli.

F'dak iż-żmien il-mixegħla kienet issir biż-żejt ġo tazzi kkuluriti li kienet tagħmel spettaklu tassew sabiħ, b'dak id-dawl ipetpet f'dawk it-tazzi kkuluriti marbuta ma' piramidi tal-ħadid."

Illum il-ġurnata l-istatwa ta' Kristu tal-Ħobża flimkien mal-appostli sabu posthom armati fil-pjazza parrokkjali fejn jistgħu jitgawdew aktar. Fl-1972 fuq inizzjattiva tas-Sur Lawrence Buġeja, illum Viċi-president tal-Kumitat Festi Esterni u oħrajn, fosthom Charles Eastwood,Stephen Micallef u Ray Borġ, ġiet irrestawrata l-arkata forma t'arzella, u żżanżan damask ġdid li jdawwar din l-istatwa u jagħlaqha f'niċċa. Din l-inizjattiva intlaqgħet tajjeb ħafna u b'hekk l-istatwa ta' Kristu tal-Ħobża saret tokkupa post aktar ċentrali u sinifikanti ċioe', faċċata tal-bieb prinċipali tal-Kolleġġjata tagħna. Ta' min



*Ritratt ieħor li juri l-Ark ta' Kristu armat faċċata ta' Strada Rjali. (Ritratt P. Scerri)*

jgħid ukoll li mil-1980 lil hawn l-istatwa ta' Kristu bdiet titwassal sa l-ark mhux aktar fuq l-ispalla iżda fuq karru bir-roti.

Xiehda tat-tradizzjoni tal-istatwa ta' Kristu tal-Ħobża huwa in-numru konsiderevoli ta' innijiet u sunetti li nkitbu u li jinsabu fl-arkivji tal-Arċikonfraternita tas-Ssmu sagrament. Fost dawn insibu l-innu tas-saċerdot Dun Ġwann Del Ricco (li kien surmast tat-taljan fis-Seminarju), kien immużikat mis-Sur A. Lanfranco (President tal-Każin San Pawl (1869-1880)). (Ara inn, Il-Festi Tagħna 1985, paġna 30).

Bix-xieraq nispiċċaw b'silta mill-innu 'A dio Vivo' li nkiteb fl-1894 minn Gio Batta Micallef li kien Rettur tal-Grotta ta' San Pawl għal mużika ta' Lorenzo Gatt, maqlub għal-Malti minn Dun Frans Camilleri u li fuq kollox li għadu jitkanta sal-llum fil-jiem tal-festa:

*Al Sacramento*
*Onore e Gloria*
*Ogni momento*
*Gente Fedel*